**IT-TIENI SENA** **RELIĠJON** **ĦIN: Siegħa u Nofs**

**ISEM** ______________________ **KLASSI** ______________

## TAQSIMA A

**Kompli s-sentenzi bil-kliem ta' taħt:**

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Ir-Rumani kienu mistmerra mil-Lhud għax | ________________ |
| 2. | Għal-Lhud il-pagani ma kinux jagħrfu 'l Alla veru għaliex | ________________ |
| 3. | Kien hemm piki u xi drabi inkwiet kbir bejn | ________________ |
| 4. | Kien hemm firda bejn il-Lhud u l-pubblikani għaliex dawn | ________________ |
| 5. | Ġesù wera li Hu ġie fostna biex | ________________ |
| 6. | Il-Bibbja tqabbel lill-bnedmin li tbiegħdu minn Alla bid-dnub | ________________ |
| 7. | Ġesù ried ikompli jwettaq il-ħidma Tiegħu | ________________ |
| 8. | Il-Knisja tkompli x-xogħol ta' Ġesù għax | ________________ |
| 9. | Id-dnub jifred 'il-bnedmin | ________________ |
| 10. | F'Għid il-Ħamsin l-Ispirtu s-Santu niżel fuq l-Appostli | ________________ |

| | |
|---|---|
| kienu jiġbru t-taxxi għar-Rumani. | permezz tal-Knisja. |
| is-Sadduċej, iż-Żeloti u l-Erodjani. | kellhom ħafna allat. |
| man-nagħaġ li tbiegħdu mir-ragħaj tagħhom. | iwassal l-imħabba u l-ħbiberija ta' Alla lil kulħadd. |
| kienu ħakkiema pagani. | u dawk li emmnu saru l-Poplu Ġdid t'Alla. |
| għandha l-Ispirtu s-Santu li jmexxiha. | minn Alla u minn xulxin. |

**(10 marki)**

## TAQSIMA B

**Aqra u wieġeb**

Il-kotra l-kbira ta' dawk li emmnu kienu qalb waħda u ruħ waħda. Ħadd minnhom ma kien jgħid li l-ġid li kellu kien tiegħu, iżda kellhom kollox flimkien. Ħadd minnhom ma kien jonqsu xejn; għax kull min kellu oqsma jew djar kien ibigħhom, u l-flus li jdaħħal minnhom kien imur iqegħedhom f'riġlejn l-Appostli. Imbagħad kien jitqassam kollox skond il-ħtieġa ta' kull wieħed.

Hekk għamel il-levita Ġużeppi, minn Ċipru, li l-Appostli kienu jsejħulu Barnaba, jiġifieri bin il-faraġ; dan kellu għalqa, biegħha, u l-flus li daħħal minnha mar iqegħedhom f'riġlejn l-Appostli (Atti 4,32. 34-37).

1. Għaliex l-ewwel insara kienu daqshekk magħqudin flimkien?

______________________________________________

______________________________________________

2. X'kienu jagħmlu bil-ġid li kien ikollhom?

______________________________________________

______________________________________________

3. Kif kien jitqassam il-ġid?

______________________________________________

______________________________________________

4. Kif kienu jġibu ruħhom ma' xulxin l-ewwel insara?

______________________________________________

______________________________________________

5. Kif tista' inti timxi fuq l-eżempju ta' Ġużeppi minn Ċipru
   a) fil-familja tiegħek (semmi żewġ eżempji)

   ______________________________________________

   ______________________________________________

   b) fl-iskola (semmi żewġ eżempji)

   ______________________________________________

   ______________________________________________

   ċ) matul il-vaganzi (semmi żewġ eżempji)

   ______________________________________________

   ______________________________________________

**(20 marka)**

## TAQSIMA Ċ

a) Poġġi dawn il-partijiet wara xulxin kif jiġu fil-Quddiesa.

L-Evanġelju, it-Tqarbin, l-Att Penitenzjali, it-Talba tal-Fidili, il-Missierna, is-Salm Responsorjali, il-Paċi, il-purċissjoni ta' l-Offerti

| | | |
|---|---|---|
| 1. | 2. | 3. |
| 4. | 5. | 6. |
| 7. | 8. | |

**(8 marki)**

b) Agħżel **3 minnhom** u fuq karta separata fissirhom f'20 kelma kull waħda.

**(12-il marka)**

## TAQSIMA D

**Fisser dawn il-kliem:**

1. Enċiklika

___

___

2. Pastorali

___

___

3. Konċilju Ekumeniku

___

___

4. Martirju

___

___

5. Knisja Kattolika

___

___

**(10 marki)**

## TAQSIMA E

**Fisser dawn is-sentenzi mit-Testment il-Ġdid:**

1. "Intom il-ġisem ta' Kristu, u kull wieħed minnkom membru tiegħu." (1 Kor 12)

___

___

___

2. “Meta jiġi fuqkom l-Ispirtu s-Santu intom tirċievu l-qawwa u tkunu xhieda tiegħi f’Ġerusalemm u sa truf l-art.” (Atti 1, 8)

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

3. “Dan ir-raġel hu għodda magħżula minni biex iwassal ismi quddiem il-ġnus u s-slaten u quddiem Iżrael.” (Atti 9, 15)

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

4. “Għax mhux intom tkunu li titkellmu imma l-Ispirtu ta’ Missierkom ikun qiegħed jitkellem permezz tagħkom.” (Mt 10,20)

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

5. Lil Stiefnu qabdu jħaġġruh huwa u jitlob u jgħid: ”Mulej Ġesù, ilqa’ r-ruħ tiegħi.” (Atti 7,59)

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**(15-il marka)**

## TAQSIMA F

Agħżel **waħda** minn 1 jew 2 u wieġeb **f’madwar 100 kelma** fuq karta separata.

1. “Aħfrilna dnubietna bħal ma naħfru lil min hu ħati għalina.”
   a) Irrakkonta ġrajja mill-Bibbja li tgħallimna naħfru.
   b) Fisser għaliex Ġesù jridna naħfru.
   ċ) Semmi ġrajja minn ħajtek meta inti sibtha diffiċli biex taħfer imma għal Ġesù wasalt li ħfirt.

2. It-talb huwa meta nikkomunikaw ma’ Alla b’moħħna u b’qalbna.
   a) Kif kienu jitolbu l-ewwel insara?
   b) Għaliex hu meħtieġ li aħna nitolbu?
   ċ) Nistgħu nitolbu kemm fil-komunità u anke weħidna. Fisser u agħti eżempji ta’ dan it-talb f’ħajtek.

**(25 marka)**